MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.**
**HAYMAN MIRIAM LL.D.**

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2002

Numru 362/2002

**Il-Pulizija**
**(Sp. Stephen Gatt)**

**vs**

**Carmelo sive Charles Borg ta' 47 sena, iben Anthony u Mary Cutajar, mwieled Gzira, fis-6.9.52, u joqghod 79, Mater Dei, Triq il-Hemel, Swieqi, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 661452 (M).**

**Illum 30 ta' Setembru, 2002.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Carmelo sive Charles Borg li gie akkuzat talli fis-7.3.2000 gewwa l-Gzira minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Khaled Al-Bitar f'periklu car, ikkaguna offiza gravi fuq il-persuna ta' Khaled Al-Bitar, jew gablu disordni f'mohhu, liema offiza ikkagunat debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem, jew gabet difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem, jew marda permanenti tal-mohh ta' Khaled Al Bitar kif iccertifika verbalemnt Dr Alexander Attard MD ta' l-Isptar San Luqa.

Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Khaled Al-Bitar.

Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi, ghamel lil Khaled Al Bitar ingurji jew theddid jew hekk ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mill-limit tal-provokazzjoni.

Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi hebb kontra Khaled Al-Bitar sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmillu hsara.

Rat l-artikoli li baghat l-Avukat Generali fin-nota tar-rinviju datata l-4 ta' Lulju, 2001, senjalament l-Artikoli 216, 218 tal-Kap 9, 221 tal-Kap 9, 339(1) (d) (e) tal-Kap 9.

Rat li fis-seduta ta' 10 ta' Ottubru, 2001 l-imputat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li din il-kawza tigi gudikata minn din il-Qorti.

Rat il-provi kollha.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkonsidrat

Illi din il-kawza ssib l-gheruq taghha f'dak li jidher ta' glied familjari bejn l-akkuzat u martu, l-allegat vittma u martu. Tant li l-allegat vittma Khaled Al Bitar xehed li hu kien fl-istationery tieghu cirka 3.55 p.m. u 4.15 p.m. u semgha kliem oxxen gej minn barra. Ra lil Charles Borg fil-

karozza ezattament fl-entratura tal-hanut. Qal li Borg saq il-karozza u hu kompla bix-xoghol, pero' rega' rritorna u qallu ".. jekk int ragel ejja barra." (fol 21). Borg rega' saq, skond ix-xhud Charles Borg kien in a nervous state. Hawn ix-xhud cempel il-mara tighu. Ghat-tielet darba Charles Borg rega' rritorna, dahal b'bicca iron bar f'idejh li kienet twila u xi 50 centimetri u naha minnhom curved. Ix-xhud nizel jiskontra lill-akkuzat fuq il-bankina. Qal li l-ewwel darba li l-akkuzat laqtu kien fil-forehead fin-nofs. Intilef minn sensih ghal ftit. Qal li sema' mara twerzaq, dawwar wiccu u t-tieni daqqa tahielu fuq rasu fuq wara u fin-nofs. Qal li dam jibblidja tlett ijiem. Qal li sal-llum ghadu repeatedly losing consciousness. Xehed ukoll fuq l-allegata relazzjoni bejnu u bejn Mrs Borg, mart l-akkuzat. Innega li hu qatt ma ltaqa' ma' Mrs Borg f'Dubai u li hu kien ihobbha u kien sejjeb Dubai maghha.

Mart l-allegat vittma xehdet li zewgha cemplilha u qalilha li Charles Borg kien tah daqqa ta' hadida. Marret u sabet lil zewgha bid-demm niezel. Xehdet ukoll li r-ragel taghha kienet ghamlitlu rapport fuq swat pero' laqatha biex jiddefendi ruhu. Innegat li bejn zewgha u Mrs Borg qatt kien hemm relazzjoni extra-matrimonjali, jew almenu tidher li ma temminx tali fatti.

Fil-konfront tal-griehi sofferti minn Bitar xehdu zewg tobba, Dr Mark Xuereb u Mr Alex Attard.

Dr Mark Xuereb xehed li meta ra lil Khaled Al Bitar l-objective evidence was not in conformity with subjective manifestations. Qal li qallu li kien milqut fuq in-naha tax-xellug with an iron rod pero' ma specifikalux min kien l-aggressur. Qal ukoll li medikament kien responsive jigifieri oriented to time, place and person. Qal li seta' jsiblu kienet graze, on the left side of the forehead. Xehed Dr Mark Xuereb li kien hemm diskrepanza bejn dak li kien qed jghid hu tal-ugiegh u fil-fatt medikament dak li kien qed isiblu bhala medical evidence. Qal ukoll li hu sab graze, haematoma, li kienet wahda ta' natura superficjali.

Mr Alex Attard xehed li Al Bitar kellu abrasion fuq in-naha tax-xellug fil-forehead u li fuq wara li ezaminah from top to bottom ma kellu xejn aktar hlief griehi fuq il-forehead biss.

Jigi rilevat ukoll li l-akkuzat dejjem innegga l-involviment tieghu f'dan l-incident fis-sens li hu ammetta biss li kellu konfront verbali biss ma' Al Bitar.

Xehdu diversi nies ohra bhal per ezempju il-mara ta' l-akkuzat li ddecidiet li zewgha kieku ma kellu xejn x'jahbi kien isejhilha meta marru l-pulizija f'darhom biex ikellmuh dwar l-allegat incident. Di piu' l-mara ta' l-akkuzat anke xehdet li zewgha kien heddidha li joqtol lilha u lil Al Bitar b'revolver.

Xehed ukoll bin l-akkuzat Etienne Borg. Qal li hu sema' lil ommu tghid li riedet taghmel il-hajja ta' l-imputat infern. Qal ukoll li hu kien sema' lil Bitar jghid li nannuh (missier ommu) li ried jiehu, Elaine Borg, Dubai u ried jibda' hajja gdida hemmhekk maghha.

Ikkonsidrat

Illi mill-komplessita' tal-provi jirrizulta li inqala' hafna disgwid bejn il-familja tal-vittma u l-familja Borg imhabba l-allegata relazzjoni bejn Bitar u Mrs Borg.

Min-naha taghha d-Difiza allegat li din il-kawza m'hija xejn hlief montatura min-naha ta' Bitar u mart l-akkuzat tant li resqet provi ohra li juri n-nuqqas ta' kredibilita' tax-xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni.

Oltre dan kollu l-qorit tinsab perplessa kif l-akkuzat gie addebitat b'akkuzi pertinenti ghal feriti gravi meta kull ma rrizulta mill-atti kien prova ta' feriti superficjali. Anke jekk il-Qorti, u ta' dan hemm skorta ta' gurisprudenza, hija lesta li taccetta prova ta' feriti ta' natura gravi, bla ma jigi esebit certifikat ta' tabib, imma fil-kaz in dizamina isib il-verzjoni ta' Al Bitar xejn verosimili.

Kif ben allegat id-Difiza, hemm diversi diskrepanzi bejn dak li xehed l-istess Al Bitar u dak li rrizulta lilu fil-fatt. Al

Bitar tkellem fuq demm, imkien ma jirrizulta li kellu qatgha, li rrizulta hu li kellu biss haematoma. Hu lmenta li rceva t-tieni daqqa, b'hadida, wara li suppost qala' daqqa f'rasu biha, pero' medikament irrizulta li kellu biss tbengila fuq mohhu.

Il-Qorti hija kompletament konvinta li bejn Al Bitar u Borg inqala' xi disgwid, pero' d-diskrepanzi li hemm, anke medikament, bejn dak li xehed Bitar u dak li sabu t-tobba, li zgur mhux dibattibli, ma jhallux lill-Qorti b'konvinzjoni morali li tista' ssib xi tip ta' htija fil-konfornt ta' l-akkuzat, anzi izjed hija propensa li temmen li din is-sitwazzjoni giet esagerata biex takkomoda pendenzi ohra fi Qrati b'kompetenza diversa. Ghaldaqstant taqta' u tiddeciedi billi tillibera lil Charles Borg mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu wara li tqis li l-akkuzi kontra tieghu ma gewx sufficjentement ippruvati.

Magistrat Dr Miriam Hayman LL. D.